MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Numru 411/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARTHESE MICALLEF**

**VS**

**AUGUSTINE BONELLO**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Augustine maghruf bhala Winston Bonello ta’ 37 sena, iben Anthony u Mary nee’ Bartolo, imwieled Attard fil-21 ta’ Ottubru 1966 u li joqghod 92, Triq il-Mithna l-Gdida, Mellieha, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 451066 (M);

Talli f'Ta' Qali u f'dawn il-gzejjer, fit-28 ta' April 2004, ghall-habta ta' nofs il-lejl:

a) Ikkommetta serq ta' sigar mill-park nazzjonali ta' Qali, ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta kif ukoll ghad-detriment tal-Malta Tourism Authority, liema serq huwa aggravate bil-hin u bil-lok;

b) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'Malta, xjentement laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod jkun indahal biex ibieghu jew imexxieh.

Wara illi rat l-Artikoli 261 (e)(f), 269, 270 u 334 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15 (2)(c) tal-A.L. 12 tal-2001, that il-Kapitolu 348 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat:

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u volontarja ta' l-istess imputat, din il-Qorti ma' ghandha ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imsemmi Augustine Bonello hati ta' kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qieghda tiehu konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat u tal-ammissjoni bikrija tieghu, u ghalhekk qed tapplika l-piena ghar-reat imsemmi fil-minimu taghha u ghaldaqstant tikkundanna lill-istess imputat ghal-multa ta’ tlett mitt lira maltin (Lm300).

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------